**Informazzjoni Ġenerali dwar il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin**

- Hekk kif tidħol, inti tiġi rreġistrat u l-affarijiet personali jiġu miżmuma sa dik il-ġurnata li tiġi biex titlaq mill-Faċilita' jew jiġu mogħtija lil persuna ta' l-għażla tiegħek.
- Il-flus li jkollok jiġu depożitati fil-kont personali tiegħek u dawn jistgħu jintużaw biex tixtri l-affarijiet personali għalik.
- Tista' titlob l-uffiċjal awtorizzat biex jinforma lill-familjari tiegħek fir-rigward tar-residenza tiegħek ġewwa l-Faċilita'.
- Priġunieri jistgħu jċemplu lill-avukati tagħhom waqt il-ħin allokat għal dan l-iskop.
- Qabel id-dħul tiegħek fid-diviżjoni, inti tkun suġġett għal tfittxija minn uffiċċjali awtorizzati. Dan isir sabiex ikun żgurat li inti ma jkollokx fil-pussess tiegħek affarijiet li ma humiex permessi jew inkella xi sustanzi illeċiti.
- Wara dan inti tiġi allokat ġewwa diviżjoni u msakkar fiċ-ċella tiegħek sakemm tiġi eżaminat mit-tabib tal-Faċilita'.
- Inti ser tiġi mgħoti ikel filwaqt li jekk ikollok xi fondi ġol-kont tiegħek tista' tixtri affarijiet neċessarji ulterjuri minn dawk mgħotija lilek mill-Faċilita', liema xiri jsir mill-ħanut tal-istess Faċilita'.
- Lożor u kutri għandhom jiġu rritornati qabel il-ħruġ tiegħek mill-ħabs.
- Wara li tiġi eżaminat mit-tabib, inti tista' tibqa ma' priġunieri l-oħra tad-diviżjoni tiegħek sakemm jasal il-ħin ta' l-għeluq.

**Regoli li jridu jiġu Osservati mill-Priġunieri**

- Bħala priġunier inti għandek tkun lest għal *Fall-in* ħames darbiet kuljum. Min ma jippreżentax ruħu għal *Fall-in* ta' filgħodu dan jibqa` msakkar sal-*Fall-in* li jmiss. Il-*Fall-in* huma kif ġej: fit-tmienja nieqes kwart ta' filgħodu (7:45hrs), fin-nofsiegħa (12:30hrs), fis-satejn (14:00hrs), fil-ħamsa (17:00hrs) u fit-tmienja u nofs nieqes ħamsa (20:25hrs). Sat-tmienja u nofs ta' filgħaxija (20:30hrs) il-priġunieri kollha għandhom ikunu maqfula.
- L-ebda priġunier m'għandu permess jidħol fiċ-ċella ta' priġunier ieħor jew jaqsam minn diviżjoni għall-oħra.
- L-ebda priġunier m'għandu permess li jilgħab flus, logħob tal-karti jew xi xorta ta' logħob ieħor li mhux awtorizzat.
- F'nofsinhar nieqes kwart (11:45hrs) il-priġunieri kollha għandhom jieqfu minn kull ma jkunu qegħdin jagħmlu u jirritornaw fid-diviżjoni tagħhom għal ikel.
- Dawk il-priġunieri li jirritornaw mill-isptar, mill-Qorti jew minn appuntament ieħor barra mill-Faċilita' wara n-nofsiegħa (12:30hrs) għandhom l-ikel u jidħlu fiċ-ċella rispettiva tagħhom u jibqgħu hemm sas-satejn (14:00hrs) ta' wara nofs in-nhar.
- Sabiex jagħmel appuntament mat-tabib, il-priġunier għandu jinforma lill-uffiċjal fid-*Division* tiegħu biex isirlu tali appuntament filgħodu u jibqa` fiċ-ċella tiegħu min

nofsiegħa (12:30hrs) sakemm jarah it-tabib. Dan japplika ukoll għal dawk il-priġunieri li jaħdmu jew għadhom kemm daħlu ġewwa l-Faċilita'.

- L-ebda priġunier m'għandu permess jbiegħ jew jittrasferixxi oġġetti projbiti jew personali lil persuna oħra.
- L-ebda priġunier m'għandu permess jagħmel telefonati li m'humiex awtorizzati.
- Ksur ta' dawn ir-regolamenti jirriżulta f'azzjoni dixxiplinarja, li tista' tirriżulta fit-tnaqqis ta' visti jew xi privileġġi oħra, kif ukoll tnaqqis mir-*remission* mogħti.

**Reati suġġetti għad-Dixxiplina**

- Priġunier jinsab ħati ta' reat kontra d-dixxiplina jekk:
    i. jikkommetti ammutinament jew ixewwex lil ħaddieħor biex jagħmel ammutinament;
    ii. jassalta lil xi persuna;
    iii. jiċħad aċċess għal xi parti mill-ħabs lil xi uffiċjal tal-ħabs;
    iv. jiġġieled ma' xi persuna;
    v. jipperikola s-saħħa jew is-sigurezza personali ta' oħrajn;
    vi. ifixkel uffiċjal tal-ħabs fl-eżekuzzjomi tad-dmirijiet tiegħu;
    vii. ikollu fil-pussess tiegħu:
        - xi oġġett ipprojbit jew mhux awtorizzat; jew
        - kwantità ta' xi oġġett li tkun akbar minn dik li jkun awtorizzat li jkollu;
    viii. ibiegħ jew jikkonsenja xi oġġett projbit lil xi persuna;
    ix. ibiegħ jew jittrasferixxi lil xi persuna xi oġġett li huwa jkun imħolli jkollu għall-użu tiegħu biss;
    x. jieħu, mingħajr awtorità jew raġuni leġittima, xi oġġett li jkun jappartjeni lil persuna oħra jew lill-ħabs;
    xi. jagħti n-nar lil xi proprjetà, kemm jekk tiegħu stess jew le;
    xii. jiddistruġġi jew jagħmel ħsara lil xi parti mill-ħabs jew xi proprjetà oħra, li ma tkunx tiegħu stess;
    xiii. jassenti ruħu minn xi post fejn huwa jkum meħtieġ li jkun jew ikun preżenti f'xi post fejn ma jkunx awtorizzat li jkun;
    xiv. jagħmel xi allegazzjoni frivola jew xi ilment frivolu jew xi allegazzjoni falza u doluża jew xi ilment falz u doluż kontra uffiċjal tal-ħabs;
    xv. juri nuqqas ta' rispett lejn uffiċjal tal-ħabs jew lejn xi persuna li tkun qed iżżur il-ħabs;
    xvi. jidgħi jew juża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi, oxxeni jew insolenti;
    xvii. jonqos li jaħdem sewwa jew jirrifjuta li jaħdem meta jiġi mitlub;
    xviii. ma jobdix ordni leġittima;
    xix. ma jobdix jew jonqos li josserva xi regolament li jkun japplika għalih;
    xx. iżomm lil xi persuna kontra l-volontà tagħha;
    xxi. jaħrab waqt li jkun miżmum jew meqjus li jkun miżmum fil-ħabs;
    xxii. jabbuża d-drogi jew jixrob alkoħol;
    xxiii. b'kull mod ieħor li jkun jagħmel reat kontra l-bonordni u d-dixxiplina;
    xxiv. jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi ordni li jagħti kampjun skond ir-regolament 70;

xxv. mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà oħra taħt il-liġi, jieħu mediċini msemmija fir- regolament 70:

Iżda priġunier li jiġi akkużat b'reat taħt dan il-paragrafu jkun jista' jġib prova biex jiddefendi lilu nnifsu li -

a) l-mediċina kienet, qabel ma ttieħdet minnu, fil-pussess leġittimu tiegħu għall-użu tiegħu jew li din tkun ingħatatlu bħala provvista leġittima tal-mediċina minn xi persuna oħra;
b) l-mediċina ttieħdet minnu jew ingħatatlu f'ċirkostanzi li huwa jġib prova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li huwa ma kienx jagħraf u li ma kellux għalfejn jissusspetta li dik il-mediċina kienet qegħda tingħatalu;

xxvi. jonqos milli jħares xi kundizzjoni li biha huwa jingħata *leave* mill-ħabs; u

xxvii. jipprova jagħmel, jew ixewwex lil priġunier ieħor biex jagħmel, jew jgħin lil priġunier ieħor biex jagħmel jew

xxviii. jipprova jagħmel xi wieġed mir-reati hawn qabel imsemmija.

**Applikazzjoni tal-Parole**

- Suġġett għal Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, l-liċenzja tal-Parole tista' tiġi mogħtija biss lill-priġunieri li qed iservu sentenza ta' priġunerija għal terminu ta' sena jew iżjed, irrispetivament jekk tkunx riżultat ta' sentenza waħda jew numru ta' sentenzi li jammontaw flimkien għal mhux inqas minn sena.
- Priġunieri li jaqgħu taħt dawn il-kategoriji m'humiex eleġibbli għall-Parole:

(*a*) priġunieri kkundannati għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' inqas minn sena;
(*b*) persuni detenuti skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni;
(*ċ*) priġunieri li jkunu soġġetti għal proċeduri ta' estradizzjoni;
(*d*) ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu ser jiġu deportati kif jiskontaw is-sentenza;
(*e*) priġunieri detenuti talli waqqgħu jew wettqu attentat biex iwaqqgħu lill-Gvern ta' Malta jew talli kkonġuraw kontra l-Istat kif stabbilit fl-artikolu 56(1) u (2) u l-artikolu 57(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali; u
(*f*) priġunieri kkundannati għal atti ta' terroriżmu, finanzjament ta' terroriżmu u reati anċillari kif stabbilit fl-artikoli 328A sa 328M tal-Kodiċi Kriminali;
(*g*) priġunieri kkundanati għal għomorhom.

- Il-priġunier ikun infurmat mill-iskrivan tal-Parole dwar id-data li fiha jkun eleġibbli biex japplika għall-Parole.
- Erbgħa xhur qabel id-data ta' eliġibilta', l-iskrivan tal-Parole javviċina l-priġunier u jieħu l-applikazzjoni għall-Parole jekk il-priġunier ikun interessat.
- Jekk il-liċenzja tal-Parole ma tiġiex mgħotija, il-priġunier jista` jerġa` japplika wara l-għeluq ta' sitt xhur mid-data tad-deċizjoni tal-Bord tal-Parole.
- Il-priġunier jista` jakkwista informazzjoni dwar il-Parole mill-iskrivan tal-Parole.

**Drittijiet u Privileġġi**

- Priġunier sentenzjat huwa ntitolat għal vista ta' tliet kwarti darba f'ġimgħa, mill-membri tal-familja jew qraba. Jekk il-priġunier ikollu mġieba eżemplari, dan jista` jingħata l-privileġġ ta' vista oħra kull ġimgħa, skond l-ordnijiet tad-Direttur.
- Priġunier sentenzjat jista' jibgħat ittra waħda kull ġimgħa.
- Priġunier jista` jitlob li jagħmel *extended visit* mal-familja mhux qabel sitt xhur mid-dħul tiegħu fil-Faċilita'. Din il-vista tista` issir għal mhux iżjed minn darba kull erba` ġimgħat ma' persuni li jkunu dikjarati li qegħdin f'relazzjoni qabel id-dħul tagħkom ġol-Faċilita'.
- *Leave* mill-ħabs jista' jigi mogħti lill-priġunier suġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi fir-regolamenti tal-ħabs u fil-każijiet li jmiss:
    i. Twelid, żwieġ jew xi okkazzjoni speċjali tal-familja;
    ii. Żjara lil xi qarib marid serjament u li ma tistax tattendi visti mal-priġunier;
    iii. F'każ ta' funzjoni reliġjuża jew funeral ta' xi qarib;
    iv. Biex isir xogħol fil-kommunita' jew xogħol ieħor approvat mill-awtoritajiet tal-ħabs;
    v. Biex isir xi programm ta' rijabilitazzjoni kontra sustanzi illeċiti;
    vi. Biex prigunier minorenni jkun jista' jitpoġġa f'istituzzjoni rijabilitattiva għal perjodu tas-sentenza tiegħu;
    vii. Tliet xhur qabel it-tmiem tas-sentenza sabiex ikun jista` jaħdem;
    viii. Biex jistudja bħala parti mill-iżvilupp edukattiv tiegħu.

- Kull priġunier għandu dritt jikteb b'mod kunfidenzjali lill-Bord tal-Viżitaturi tal-ħabs rigward xi problema li jiltaqa` magħha. L-ittri jiġu mqiegħda ġo kaxxa mmarkata *Prison Advisory Board*, li qegħda fl-uffiċju tal-*Inmate Services*.
- Priġunier li ma jkunx ta' nazzjonalita' Maltija, għandu dritt li jikkomunika mal-Ambaxxata tal-pajjiż tiegħu.
- Diffikultajiet li jiltaqa` magħhom priġunier, għandhom jiġu mitkellma mal-uffiċċjala ġewwa l-*Inmate Services* sabiex jingħata l-assistenza meħtieġa.